# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 29**

**Ċitazzjoni numru 737/2001/2 JZM**

**L-Avukat Dottor Tonio Fenech u l-Avukat Dottor Kenneth Grima bħala mandatarji speċjali tal-assenti Ronald Luther Phillips u b'digriet tad-9 ta' Frar 2016, kien ordnat illi l-kawża titkompla bħala atturi mill-Avukat Dottor Kenneth Grima u mill-Avukat Dottor Edward Debono bħala mandatarji speċjali ta' l-assenti Deborah Ann Allen neè Phillips, bħala eredi universali ta' Ronald Luther Phillips, li miet fil-mori tal-kawża, in sostituzzjoni ta' l-Avukat Dottor Tonio Fenech u ta' l-Avukat Dottor Kenneth Grima li kienu l-mandatarji speċjali tal-istess Ronald Luther Phillips**

**v.**

**L-Avukat Dottor Patrick Spiteri f'ismu proprio u f'isem id-ditta tal-Avukati Muscat Azzopardi Spiteri and Associates u martu Sylvana bħala**

**komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' l-istess Avukat Dottor Patrick Spiteri, kif ukoll l-Imħallef Godwin Muscat Azzopardi f'ismu proprio u f'isem id-ditta tal-Avukati Muscat Azzopardi Spiteri and Associates u martu Mary Ann sive Marian bħala komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' l-istess Godwin Muscat Azzopardi**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-konvenut Dr. Godwin Muscat Azzopardi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fit-30 ta' Ġunju, 2016, (minn issa l' hemm imsejħa bħala "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra: (i) laqgħet il-ħames eċċezzjoni ta' Mary Ann *sive* Marian Muscat Azzopardi u l-ewwel eċċezzjoni ta' Sylvana Spiteri (ii) ċaħdet it-tieni, ir-raba', is-sitt u s-seba' talbiet, tal-atturi *nomine*, u (iii) wara li laqgħet l-ewwel, it-tielet u l-ħames talbiet tal-atturi *nomine* safejn dawn jolqtu lill-konvenuti Dr. Godwin Muscat Azzopardi u Dr. Patrick Spiteri, kemm f'isimhom proprju kif ukoll f'isem id-ditta tal-avukati '*Muscat Azzopardi and Associates'*, ikkundannathom sabiex iħallsu lill-istess atturi *nomine* s-somma kapitali ta' sitt mija, disgħa u disgħin elf, sitt mija disgħa u għoxrin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€699,629.21), ekwivalenti għal ħames mija, sebgħa u sebgħin elf, ħames mija tlieta u erbgħin Lira Sterlina u tnejn u disgħin '*pence'* (GBP 577,543.92), bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, li għandu jibda jgħaddi b`effett mill-24 ta` Lulju 1998 sad-data tal-pagament, u dan

flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għal din it-tilwima huma dawn li ġejjin;

2. B'ċitazzjoni mressqa fis-27 ta' April, 2001, l-atturi *nomine* fissru li l-mandant tagħhom Ronald Luther Phillips (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "Phillips") huwa l-proprjetarju ta' somma flus ta' mhux anqas minn £577,543.92, li ġiet fdata f'idejn, jew inkella għaddiet taħt il-kontroll tad-ditta tal-avukati '*Muscat Azzopardi Spiteri & Associates',* (minn issa 'l hemm imsejħa bħala "MASA") u ddepożitata f'kont bankarju tal-istess ditta bl-isem ta' *'Carlton Fiduciare – Client No. 1'.* Ilmentaw li meta xi żmien wara Phillips talab lill-MASA sabiex tagħtih rendikont ta' flusu, kif ukoll sabiex troddlu lura kemm is-somma kapitali kif ukoll l-imgħaxijiet, din tal-aħħar naqset milli tagħmel dak mitlub, u dan wara "diversi raġġiri", għal sena u nofs sħaħ. Wara li stqarrew li kien ukoll kollu ta' xejn li huma stess interpellaw lill-konvenuti, f'isem Phillips, sabiex jirrifondu lill-istess Phillips is-somma kapitali, il-frottijiet fuq il-kapital, kif ukoll sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni mġarrba mill-mandant tagħhom, huma talbu lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti proprio et nomine jew min minnhom għandhom f`idejhom jew taħt il-kontroll tagħhom flus appartenenti lill-attur fis-somma ta` mhux inqas minn ħames mija sebgħa u sebgħin elf ħames mija tlieta u erbgħin lira Sterlina Ingliża u tnejn u disgħin pence (GPB 577,543.92), kif ukoll kwalsiasi frutti derivanti mill-istess ;*
>
> *2. Tordna lill-konvenuti proprio et nomine jgħidu u jippruvaw fejn jinsabu investiti l-flus u jirrendu kont tal-amministrazzjoni u ġestjoni tal-flus kapitali fdati lilhom jew li ġew altrimenti aċċettati minnhom fl-*

*interess tal-attur nomine kif ukoll ta` kwalsiasi frutti derivanti mill-istess konsistenti, fost affarijiet oħra, fi qliegħ fuq kapital u/jew investimenti, profitti, dividendi u/jew frutti oħra si et quatenus u dan fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dina l-Qorti u dana jekk ikun il-każ bl-opera ta` perit legali u/jew komputista li jiġi appuntat għal dan l-iskop ;*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine jirrifondu u jħallsu lill-attur is-somma kapitali ta` ħames mija sebgħa u sebgħin elf ħames mija tlieta u erbgħin lira Sterlina Ingliża u tnejn u disgħin pence (GPB 577,543.92) li ġew fdati f`idejn jew li altrimenti ġew taħt il-kontroll tad-ditta konvenuta Muscat Azzopardi Sptieri & Associates oltre l-imgħax legali mill-24 ta` Lulju 1998 ekwivalenti f`Liri Maltin fid-data tas-sentenza ;*

*4. Tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine jhallsu lill-attur kull ammont ieħor hekk komputat in eċċess tas-somma fuq imsemmija wara rresokonti neċessarji kompriżi qligħ fuq kapital u / jew investimenti, profitti, dividendi u / jew frutti oħra ;*

*5. Tiddikjara illi l-konvenuti pro et nomine huma responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur nomine, kemm f`damnum emergens, lucrum cessans, kif ukoll f`kumpens ieħor skond il-liġi a tenur tal-artikolu 1047(2) u (3) tal-Kap 16, bħala riżultat tal-egħmil abbużiv, illegali, negliġenti u / jew doluż tal-konvenuti;*

*6. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine kemm f`damnum emergens kif ukoll f`lucrum cessans u kumpens ieħor stabbilit fil-liġi a tenur ukoll tal-artikolu 1047(2) u (3) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 jekk hemm bżonn bl-opera ta` periti nominandi ;*

*7. Tikkundanna lill-konvenuti proprio et nomine jħallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata f`danni sofferti mill-attur, oltre jekk ikun il-każ kull kumpens ieħor ai termini tal-artikolu 1047(2) u (3) tal-Kap. 16;*

*Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċjali datata 26 ta` Marzu 2001, u tal-mandati ta` sekwestru u inibizzjoni preżentati kontestwalment ma` din iċ-ċitazzjoniu bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni."*

3. B'nota tal-eċċezzjonijiet tat-13 ta' Ġunju, 2001,[1] Dr. Godwin Muscat Azzopardi, f'ismu proprju u dak ta' martu Marian Muscat Azzopardi, qajjem id-difiża li t-talbiet tal-atturi *nomine* ma setgħux jirnexxu

[1] F'paġni 219-220 tal-proċess.

fil-konfront tagħhom u dan billi l-flejjes mertu tat-tilwima ma kienu qatt f'idejhom u lanqas fil-kontroll tagħhom. Wara li qal li l-atturi riedu jipprovaw li l-fondi mertu tal-kawża huma tassew tagħhom, żied li l-atturi kellhom ukoll jippruvaw li l-istess flejjes għandhom provenjenza 'legali u nadifa', għaliex fin-nuqqas t'hekk l-obbligazzjoni dwarhom tkun falza jew illeċita. Kompla billi stqarr li huwa qatt ma kellu negozjati mal-atturi, u filwaqt li qal li ma kienet teżisti ebda rabta kontrattwali jew ġuridika bejniethom, żied li lanqas ma kien hemm xi solidarjetà bejnu, l-Avukat Patrick Spiteri u s-soċjetà ċivili 'MASA', li sa dak iż-żmien kienet xolta. Għalaq imbagħad billi jgħid li sa fejn l-azzjoni hija msejsa fuq l-allegat *'dolo'* jew *'culpa'*, martu Marian Muscat Azzopardi ma kellha l-ebda '*locus standi'* fil-proċedura;

4. Min-naħa l-oħra, b'nota tal-eċċezzjonijiet imressqa fl-istess jum tat-13 ta' Ġunju, 2001,[2] l-avukat Dr. Patrick Spiteri f'ismu proprju u f'isem id-ditta tal-avukati 'MASA', qajjem id-difiża li t-talbiet tal-atturi setgħu jitqajmu kontrih personalment, b'mod sussidjarju biss, u dan wara li tkun irnexxiet it-talba fil-konfront tas-soċjetà ċivili 'MASA'. Filwaqt li qal li l-azzjoni kienet 'inattendibbli' u infondata għal kollox sa fejn tressqet fuq il-bażi ta' *'dolo'* jew *'culpa',* ċaħad li huma b'xi mod jew ieħor naqsu professjonalment b'rabta mal-kont imsemmi mill-atturi. Żied li huma aġixxew b'mod prudenti u korrett billi talbu lill-atturi sabiex jeħilsuhom

[2] F'paġni 221 u 22 tal-proċess.

minn kull sigriet professjonali bil-għan li jkunu jistgħu jagħmlu dak kollu meħtieġ minnhom biex jiddeterminaw il-provenjenza tal-flus u jwettqu l-proċeduri meħtieġa mal-awtoritajiet barranin kompetenti ħalli jkunu jistgħu jirrilaxxaw il-flus b'mod korrett. Bħall-konvenuti l-oħrajn, Spiteri qajjem ukoll id-difiża li huma ma kellhom l-ebda relazzjoni kontrattwali mal-atturi u li minbarra li l-atturi riedu jippruvaw li l-flus mertu tal-kawża huma tagħhom, dawn riedu wkoll jippruvaw li l-provenjenza tal-flejjes mitluba minnhom kienet nadifa għaliex fin-nuqqas t'hekk l-azzjoni tagħhom tkun milquta bl-illeċitu. Filwaqt li tenna li huma għandhom jinħelsu mis-sigriet professjonali sabiex ikunu jistgħu jiddefendu sewwa l-pożizzjoni tagħhom f'din il-kawża, għalaq billi qajjem l-eċċezzjoni li f'kull każ, it-talbiet tal-atturi ma kinux mistħoqqa, kemm fil-fatt kif ukoll fil-liġi. Sa fejn imbagħad għandha x'taqsam mart l-avukat Spiteri biss, din qajmet l-eċċezzjoni li hija ma kellha l-ebda responsabbiltà dwar dak mitlub mill-atturi u dan kemm billi l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnha u żewġha m'hijiex responsabbli sabiex tirrispondi għax-xorta ta' azzjoni mressqa mill-atturi, kif ukoll għaliex ma kinitx responsabbli ta' xi *dolo* jew inkella *culpa*;

5. Wara li b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2016,[3] l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima bil-mod ta' kif tfisser fl-ewwel paragrafu ta' din is-

[3] F'paġni 1136 sa 1401 tal-proċess.

sentenza, b'rikors tal-appell imressaq fid-19 ta' Lulju 2016,[4] il-konvenut Dr. Muscat Azzopardi, (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala "l-appellant") talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata...billi, filwaqt li (i) tikkonfermaha in kwantu laqgħet il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta Mary Ann sive Marian Muscat Azzopardi u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Sylvana Spiteri, u ċaħdet it-tieni, raba', sitt u s-seba' talbiet tal-attur, (ii) tħassarha in kwantu ċaħdet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-esponent, u laqgħet l-ewwel u t-tielet talbiet attriċi fil-konfront tal-esponent propio u għan-nom tad-ditta tal-avukat Muscat Azzopardi Spiteri and Associates, u kkundannatu jħallas, mal-konvenut appellat Dr. Patrick Spiteri, lill-attur, is-somma kapitali ta' €699,629.21, bl-imgħax ta' 8% fis-sena b'effett mill-24 ta' Lulju 1998, sad-data tal-effettiv pagament, u in kwantu laqgħet il-ħames talba attriċi, u (iii) konsegwentement tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-esponent u tiċħad it-talbiet attriċi kollha fil-konfront tal-istess esponent. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur u/ jew il-konvenut Dr. Patrick Spiteri"*;

6. Min-naħa tagħhom, l-atturi nomine (minn issa 'l hemm imsejħin bħala "l-atturi appellati") laqgħu għal dan billi permezz ta' risposta mressqa minnhom fit-18 ta' Awwissu, 2016,[5] huma fissru għalfejn il-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti huma tajba u b'hekk l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant;

[4] F'paġni 1205 sa 1222 tal-proċess.
[5] F'paġni 1224 sa 1242 tal-proċess.

7. Il-Qorti appuntat l-appell għas-smigħ b'avviż datat 19 ta' Mejju, 2021,[6] u peress li sas-seduta tat-22 ta' Ġunju, 2021, l-avukat Dr. Patrick Spiteri, Sylvana Spiteri u d-ditta '*Muscat Spiteri & Associates',* baqgħu mhux notifikati b'dak l-avviż, il-Qorti awtoriżżat lill-appellant sabiex imexxi bin-notifika tal-istess avviż tas-smigħ bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni, u ħalliet l-appell għas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2021, bil-għan li dakinhar issir it-trattazzjoni bil-fomm;[7]

8. Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2021, l-appellat Dr. Patrick Spiteri deher flimkien mal-avukat tal-fiduċja tiegħu li vverbalizza li kien qiegħed *"jagħti ruħu b'notifikat bir-rikors tal-appell u bl-avviż tas-smigħ".* Dlonk kif għamel hekk, talab żmien biex iressaq risposta għall-appell, fuq ir-raġuni li *"jqis in-notifika li saret bl-affissjoni u bil-pubblikazzjoni hi proċeduralment skorretta, peress li f'dak il-perjodu ndikat kien jirrisjedi fl-Ingliterra."* B'digriet mogħti fl-istess seduta, il-Qorti, wara li semgħet x'kellhom xi jgħidu l-avukati tal-partijiet, ċaħdet it-talba tal-appellat Spiteri, u dan għar-raġunijiet li ġew reġistrati fil-verbal ta' dik l-istess seduta;[8]

---

[6] F'paġni 1256A sa 1257 tal-proċess.
[7] F'paġna 1259 tal-proċess.
[8] F'paġna 1273 tal-proċess.

9. Minkejja dan kollu, fit-8 ta' Novembru, 2021, Dr. Spiteri ressaq fir-reġistru ta' din il-Qorti, kemm risposta għall-appell ta' Dr. Muscat Azzopardi, kif ukoll appell inċidentali mis-sentenza appellata;[9]

10. Jumejn wara, u sewwasew fl-10 ta' Novembru, 2021, Dr. Spiteri ressaq ukoll rikors, li għar-raġunijiet hemmhekk imfissra,[10] talab lil din il-Qorti sabiex tirrikonsidra d-digriet tad-19 ta' Ottubru, 2021, u minflok tiddeċiedi li huwa kien ġie notifikat f'dak l-istess jum tad-19 ta' Ottubru, 2021;

11. B'digriet mogħti fil-magħluq fil-15 ta' Diċembru, 2021,[11] din il-Qorti, wara li rat it-tweġibiet ta' Dr. Muscat Azzopardi u tal-atturi appellati, rispettivament, qieset li "*t-talba għal rikonsiderazzjoni ma saritx fi żmien sitt ijiem mill-għoti tad-digriet skont l-artikolu 229(4) tal-Kap 12",* u għalhekk ċaħdet it-talba ta' Dr. Spiteri;

12. Fit-8 ta' Marzu 2022, il-Qorti semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet, dwar il-mertu tal-appell ta' Dr. Muscat Azzopardi, u f'dik is-seduta l-appell tħalla għas-sentenza;

[9] F'paġni 1247A u 1286 tal-proċess.
[10] F'paġni 1289 sa 1292 tal-proċess.
[11] F'paġna 1295 tal-proċess.

13. Il-Qorti, wara li qieset dan kollu, fliet l-atti kollha ta’ din il-kawża, kif ukoll dawk tar-rikors bin-numru 746/01GC, għar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1246/01GC,[12] u tal-mandati ta’ inibizzjoni bin-numru 1245/01GCD, u ta’ sekwestru bin-numru 1246/01GC,[13] hija issa f’qagħda li tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkonsidrat***

14. Qabel ma tibda tistħarreġ il-mertu tar-rikors tal-appell ta’ Dr. Muscat Azzopardi, jixraq li jingħadu kelmtejn dwar l-att li tressaq f’isem Dr. Spiteri, fit-8 ta’ Novembru 2021, u ntestat bħala *“Risposta ta’ l-appell u appell inċidentali ta’ Patrick Spiteri”*;[14]

15. Diġà rajna aktar kmieni,[15] li minkejja fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru, 2021, l-avukat ta’ Dr. Spiteri ivverbalizza li l-patroċinat tiegħu kien qiegħed ‘jagħti b’ruħu notifikat’ bir-rikors tal-appell f’dak il-jum, kif ukoll talab il-permess sabiex iressaq tweġiba bil-miktub għall-istess appell, din il-Qorti, b’digriet mogħti waqt l-istess seduta, ċaħdet dik it-talba u dan billi

[12] L-atti tar-rikors numru 746/01GC għar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1246/021GC, ġew allegati ma’ dawn l-atti u dan bis-saħħa ta’ digriet mogħti mill-Ewwel Qorti waqt is-seduta tal-21 ta’ Frar, 2003, f’paġna 544 tal-proċess.
[13] L-atti tal-mandati ta’ inibizzjoni bin-numru 1245/01GCD, u ta’ sekwestru bin-numru 1246/01GC, ġew allegati ma’ dawn l-atti bis-saħħa ta’ digriet mogħti mill-Ewwel Qorti waqt is-seduta tal-11 ta’ Marzu, 2005, f’paġna 604 tal-proċess.
[14] F’paġni 1274A sa 1286.
[15] Ara paragrafu 8 tas-sentenza.

qieset li Dr. Spiteri kien diġà ġie notifikat b'dak l-att, aktar kmieni, bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni;

16. F'dan il-każ, mill-atti jidher li l-proċedura tal-affissjoni twettqet fl-4 ta' Jannar, 2017.[16] Jirriżulta wkoll li l-pubblikazzjoni saret fl-edizzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Marzu, 2018,[17] u wara f'żewġ ġurnali lokali, wieħed bil-lingwa Maltija u l-ieħor bil-lingwa Ingliża, fl-1 ta' Settembru, 2018.[18] Fis-sena 2018, l-ewwel ta' Settembru nzerta kien is-Sibt, u għalhekk, għall-għanijiet u effetti kollha tal-liġi, Dr. Spiteri huwa meqjus li ġie notifikat bir-rikors tal-appell **fil-5 ta' Settembru, 2018**; [19]

17. Fiż-żmien li fih Dr. Muscat Azzopardi ressaq ir-rikors tal-appell, l-Artikolu 144 tal-Kap. 12 kien jaqra li t-tweġiba għall-appell għandha titressaq f'għoxrin jum mid-data tan-notifika, filwaqt li l-Artikolu 240(2) tal-Kap. 12, kien u għadu jitlob, li l-appell inċidentali għandu jitressaq flimkien mat-tweġiba għall-appell ewlieni;

---

[16] Ara t-timbru tal-Marixxall John B. Dimech, f'paġna 1247 tal-proċess.
[17] F'paġna 1248 tal-proċess.
[18] Ara l-estratt mill-gazzetta "In-Nazzjon", f'paġna 1253 tal-proċess, u l-estratt mill-gazzetta "*The Malta Indipendent",* f'paġna 1254 tal-proċess.
[19] L-Artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġiet ta' Malta, jgħid li f'dawk il-każijiet li n-notifika ma tkunx ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika hija meqjusa li tkun saret "*fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard".*

18. Peress li huwa magħruf sewwa li t-termini stabbiliti bil-liġi huma ta' sura perentorja u b'hekk ta' ordni pubbliku, (ara ***L-Avukat Dott. Renzo Porsella-Flores et. v. Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali et.***, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-18 ta' Jannar, 2022), u peress li f'dan il-każ, Dr. Spiteri ressaq it-tweġiba għall-appell u l-appell inċidentali wara ż-żmien mogħti lilu bil-liġi, l-att tat-8 ta' Novembru, 2021,[20] ma jistax jitqies li jiswa f'għajnejn il-liġi, u għalhekk din il-Qorti la tista' tqis it-tweġiba bil-miktub ta' Dr. Spiteri u wisq anqas 'l-appell inċidentali'. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ser tkun għalhekk qed tordna lir-Reġistratur sabiex ineħħi mill-atti, l-att ġudizzjarju ta' Dr. Patrick Spiteri tat-8 ta' Novembru, 2021;

19. Issa li ġie ċċarat dan, il-Qorti tista' tgħaddi għall-**mertu tar-rikors tal-appell** ta' Dr. Muscat Azzopardi li ssejjes fuq tliet aggravji, li fi kliem l-appellant stess huma dwar li:

(i) l-Ewwel Qorti naqset milli tqis, kif kellha, l-eċċezzjoni dwar l-illeċitajiet kommessi mill-attur kemm fil-ġbir, u anke fiċ-ċaqliq, tal-flejjes reklamati b'din il-kawża;

(ii) l-Ewwel Qorti żbaljat meta kkonkludiet li l-attur kellu kuntratt ta' mandat mal-MASA;

[20] F'paġni 1274A sa 1286.

(iii) l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll fil-konklużjoni li huwa għandu jagħmel tajjeb għall-ħlas tas-somma reklamata mill-attur b'din il-kawża, bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż;

20. Minħabba s-sekwenza loġika li bihom tressqu, il-Qorti ser tkun qed tistħarreġ dawn l-aggravji, fl-istess ordni li tniżżlu fir-rikors tal-appell;

21. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** l-appellant jibda billi jirreferi għat-tieni eċċezzjoni li niżżel fin-nota ta' eċċezzjonijiet,[21] u li fiha argumenta li l-atturi *nomine* għandhom jipprovaw li l-flejjes li Phillips qed jitlob lura, għandhom provenjenza legali u nadifa, għaliex inkella kull obbligazzjoni dwarhom hija falza jew illeċita. Jilmenta li l-Ewwel Qorti interpretat din l-eċċezzjoni b'mod wisq dejjaq, u dan daqslikieku huwa ma kienx qiegħed iqajjem l-eċċezzjoni li l-flus mertu ta' din il-kawża huma milquta minn kawża lleċita. Jissottometti li anke li kieku stess huwa ma qajjimx dik l-eċċezzjoni, mill-fatt waħdieni li b'ammissjoni ta' Phillips irriżulta li dan ħeba dawn il-flus biex ma jħallasx it-taxxi, il-Qorti, min jeddha, kellha tirrifjuta li tissanzjona l-illegalità mwettqa mill-attur bis-setgħat ġudizzjarji tagħha. Filwaqt li jisħaq li hemm biżżejjed provi fl-atti li juru kif hemm kawża illeċita, jilmenta li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament 'fundamentalment żbaljat' kemm tal-fatti kif ukoll tal-liġi b'rabta ma' l-istess fatti;

[21] F'paġna 219 tal-proċess.

22. Sabiex isaħħaħ dak li qed jgħid, l-appellant jirreferi għal dawk il-konsiderazzjonijiet li fi kliemu wasslu lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni legali tagħha, u jgħaddi biex ifisser kif dawk l-istess konsiderazzjonijiet huma lkoll żbaljati. Pereżempju, jgħid li filwaqt li l-Ewwel Qorti qieset li l-moviment tal-flus minn *'Sarnia'* f'Guernsey għal *'Eaton Trust'* fl-iSvizzera, kien għaliex 'l-investiment ma' baqax tajjeb', Phillips però xehed li huwa kien ċaqlaq il-flus minn '*Sarnia'*, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità u segretezza. Sa fejn imbagħad l-Ewwel Qorti kkonsidrat li Phillips ma kien ta l-ebda struzzjonijiet lil Dr. Spiteri sabiex jintilef l-*'audit trail'* tal-flus, l-appellant jargumenta li għalkemm kien Paul Warren li ordna hekk, dan tal-aħħar kien ta dik l-ordni għall-benefiċċju aħħari ta' Phillips, li kien qrib ħafna tiegħu u li kien hemm element qawwi ta' fiduċja bejniethom. Iżid li l-Qorti żbaljat ukoll meta qieset li ma ntweriex li *"Phillips ma ħallas taxxa imkien"* fuq dawk il-flus, u f'dan ir-rigward jirreferi għall-kontroeżami ta' Phillips tal-11 ta' Marzu, 2005, li fih dan stqarr li ma kien hemm l-ebda taxxi mħallsa fuq dawk il-flejjes, u li b'dik l-istruttura huwa kien qiegħed jipprova jevadi t-taxxa. Jgħid ukoll li anke l-konsiderazzjoni li Phillips ma laħaqx ġie arrestat jew investigat fuq evażjoni tat-taxxa jew ħasil ta' flus fl-Ingilterra, din ma tagħmlux anqas involut fl-illeċitajiet gravi li wettaq bil-mezz tal-flus mertu ta' din il-kawża;

23. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-konsiderazzjonijiet legali, l-appellant jgħid li minkejja li l-Ewwel Qorti għamlet referenza għall-

ġurisprudenza dwar il-kwistjoni tal-kawża illeċita, jilmenta li dik il-Qorti naqset milli tapplika d-dispożizzjonijiet relevanti, speċjalment l-Artikoli 987 u 990 tal-Kodiċi Ċivili, għall-fatti ppruvati. F'dan ir-rigward, jirreferi għan-nota ta' sottomissjonijiet li ressaq quddiem l-Ewwel Qorti, li fi kliemu ngħatat fiha rassenja sħiħa ta' ġurisprudenza dwar ċirkostanzi li fihom il-Qrati rrifjutaw li jagħtu l-effett lill-obbligazzjonijiet b'kawża illeċita. Filwaqt li jfakkar li l-Qrati huma partikolarment iebsa f'każijiet ta' evażjoni fiskali, ifisser li mill-istess ġurisprudenza jidher li f'każijiet ta' din ix-xorta l-Qrati tennew li l-partijiet ma ħaqqhomx il-protezzjoni tal-liġi, anke saħansitra fuq il-bażi tal-istagħnar mingħajr mistħoqq. Jissottometti li l-liġijiet fiskali huma ta' ordni pubbliku, u jargumenta li anke jekk il-ksur tat-tali liġijiet f'ġurisdizzjonijiet oħra ma jwassalx għall-ksur tal-liġi f'Malta, din l-imġieba m'għandha qatt titqies minn Qorti f'Malta bħala *'għemil xieraq'*, fl-interess soċjali, jew fl-interess kollettiv. Jikkonkludi li b'applikazzjoni tal-liġi kif interpretata fil-ġurisprudenza, din il-Qorti għandha tilqa' it-tieni eċċezzjoni tiegħu u tiċħad it-talbiet;

24. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-atturi appellati jirribattu li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex 'tindaħal' fl-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti, u dan sakemm ma jirriżultalhiex li dak l-apprezzament ikun twettaq b'mod ħażin jew li jkun hemm xi raġuni oħra gravi. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament tajjeb tal-fatti u li l-konklużjonijiet milħuqa minnha huma motivati tajjeb u msejsa fuq

dak li hemm fl-atti. Jisħqu għalhekk li din il-Qorti, m'għandhiex tiddisturba l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti sa fejn huma motivati minn apprezzament tal-fatti;

25. B'referenza aktar speċifika lejn l-ilmenti li tressqu fl-ewwel aggravju, l-atturi appellati, filwaqt li jtennu li mis-sentenza appellata jidher biċ-ċar li l-Ewwel Qorti qieset bir-reqqa l-provi relevanti dwar din il-kwistjoni, jargumentaw li s-sottomissjonijiet tal-appellant huma fiċ-ċirkostanzi, 'insostenibbli' u 'saħansitra inkredibbli'. Jissottomettu li anke li kieku huwa minnu li l-flus għandhom jiġu meqjusa bħala illeċiti, dan ikun ifisser li l-appellant, flimkien ma' Dr. Patrick Spiteri kienu komparteċipi fl-illegalità allegata għaliex aċċettaw li jirċievu u jamministraw dawk l-istess flus. Jargumentaw li, f'ċirkostanzi bħal dawn, l-appellant ma jistax jeħles minn kull responsabbiltà billi jqajjem id-difiża tal-illegalità, u dan għaliex min ikun komparteċipi fl-illegalità 'ma jistax jitlob l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe vantaġġ li akkwista b'effett tat-tali illegalità';

26. Ikomplu billi jargumentaw li anke li kieku Phillips ma ħallasx taxxa fuq il-flejjes mertu ta' din il-kawża, fih innifsu, dan il-fatt waħdu ma jwassalx li l-azzjoni ta' Phillips hija msejsa fuq kawża illeċita. Ifissru li r-relazzjoni ta' bejn Phillips u l-konvenuti kienet waħda inċidentali fis-sens li l-flejjes tiegħu spiċċaw għandhom bla ma kien jaf u mingħajr ma qatt

tahom xi struzzjonijiet partikolari sabiex jaħbu l-flus jew il-provenjenza tagħhom għal raġunijiet fiskali. F'dan il-kuntest, jgħidu li ġaladarba li l-konvenuti, inkluż l-appellant, aċċettaw volontarjament li jieħdu fil-pussess tagħhom dawk il-flus, huma assumew ir-responsabbiltajiet legali bħala mandatarji jew depożitarji u minħabba f'hekk, il-*'causa'* tal-obbligazzjoni, li jfissruha bħala, *"l-iskop persegwit mill-partijiet in kwantu kontraenti fl-istess obbligazzjoni"* ma kinitx u ma hijiex waħda illeċita;

27. Jirreferu mbagħad għax-xhieda ta' Phillips tal-11 ta' Marzu, 2005, u filwaqt li jgħidu li hemmhekk huwa ried ifisser biss li ried 'jevita t-taxxa', jargumentaw li b'daqshekk ma jfissirx li bħala fatt huwa 'evada t-taxxa' jew inkella li ma ħallasx taxxa fuq dawk il-flejjes. Iżidu li bil-fatt waħdu li Phillips għażel li ma jirċevix il-flejjes mill-kummissjonijiet ġewwa l-Ingilterra ma tagħmlux evażur fiskali, u f'dan l-istess kuntest, jissottomettu li l-Qrati tagħna ma jistgħux u m'għandhomx jiddeċiedu dwar ksur ta' liġijiet jew allegazzjonijiet dwar evażjoni fiskali f'pajjiżi li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.  Jgħidu li għalhekk l-Ewwel Qorti qalet sewwa li r-reġim fiskali ta' pajjiżi oħra mhuwiex il-mertu ta' din il-kawża, u jikkonkludu billi jgħidu li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud;

28. L-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni li dwarha huwa l-ewwel aggravju fuq is-saħħa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"ii) <u>Il-provenjenza nadifa u legali tal-flus</u>*

*Il-Qorti sejra tqis liema istitut tal-ligi jirregola l-azzjoni tal-lum.*

*Jidher illi l-kwistjoni kollha bdiet bejn l-ahhar tas-snin disghin u l-bidu tas-snin elfejn.*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kap 16 li jirregolaw l-istitut tal-obligazzjonijiet fiducjarji gew fis-sehh bl-Att XIII tal-2004. Ghalhekk m`ghandhomx japplikaw ghall-kaz tal-lum.*

*Fil-fehma tal-Qorti, l-azzjoni ghandha tkun inkwadrata fl-ambitu tal-kuntratt tal-mandat.*

*Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1950 fil-kawza "Rev Sac Don Vincenzo Borg vs Giuseppe Caruana et" fejn inghad hekk :–*

*"Il-mandat huwa kuntratt li bih persuna taghti lil perunsa ohra s-setgha li taghmel xi haga ghaliha ( art. 1856 Kap 15 gia art. 1958 (1) Kap. 23) fil-waqt li d-depozitu, in generali, huwa kuntratt li bih wiehed jircievi l-haga ta` haddiehor bl-obbligu li jikkustodiha u jroddha in natura (art. 1993 Kap. 23). Ghalhekk hemm differenza bejn dawn iz-zewg kuntratti, li tikkonsisti f`dan: ` che il depositario conserva semplicemente gli oggetti che gli sono stati affidati, mentre il mandatario li usa nell`interesse del mandante e in conformita alle istruzioni dal medesimo ricevute.` (Baudry Lacantinerie. Del Mandato, para. 404). Ta` l-istess fehma huwa Pothier (Del Deposito, Cap. I, para, 9), u Troplong (Del Depostio, sez. I, para. 29) ;*

*Biex ikun hemm depozitu `fa d`uopo che lo scopo principale della tradizione sia unicamente che quegli cui vien fatta la tradizione s`incarichi della custodia di essa. Questo scopo forma il carattere essenziale del contratto di depostio, che lo distingue dagli altri contratti` (Pothier, loc. Cit). U dan l-iskop principali ghandu jigi ravvizat x`kien fil-mument inizjali tat-tradizzjoni tal-haga jigiferi x`kien l-iskop tal-att, …"*

*Abbazi tal-fatti li hargu mill-kumpless tal-provi, il-Qorti tqis illi dak li sar bejn il-partijiet jaqa` fit-termini tal-kuntratt tal-mandat. Il-flus li ghadda Phillips lill-konvenuti ma kienux intizi sabiex jinzammu mill-konvenuti u jintraddu lura fl-istess ammont. Ghaddew ghand il-konvenuti sabiex dawn jinvestu l-flus u l-kapital inizjali jizdied. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, ir-relazzjoni hija dik ta` bejn mandant u mandatarju.*

*Dan premess, ghandu jinghad illi fl-eccezzjoni taghhom il-konvenuti mhux qeghdin jallegaw illi l-provenjenza tal-flus hija llecita. Qeghdin ighidu illi jispetta lill-atturi li jaghmlu l-prova illi l-flus gejjin minn fonti nadifa u legali ghaliex jekk ma jaghmlux dik il-prova, allura ghandu jfisser illi l-obbligazzjoni li fuqha qeghdin jistriehu l-atturi hija llecita.*

*Il-Qorti sejra tittratta l-eccezzjoni b`mod aktar wiesgha.*

*Fis-sentenza fil-kawza "Rev Sac Don Vincenzo Borg vs Giuseppe Caruana et" (op. cit.) inghad :-*

*"Illi l-konvenut jissottometti li l-oggett tal-mandat fil-kwistjoni huwa illecitu, u ghalhekk il-konvenzjoni bejnu u l-attur, bhala bbazata fuq kawza illecita, hija nulla u bla effett. L-Art. 1857 (1) (gia art. 1959(1) tal-Kodici Civili jiddisponi li l-mandat ghandu jkollu bhala skop tieghu haga lecita li min jaghti l-mandat seta jaghmel huwa nnifsu. Dina hija l-applikazzjoni tal-principji dottrinali. "Il mandato bisogna che non sia contrario ne alle leggi, ne alla morali Sebbene non fosse considerato tale in se stesso, basterebbe, perche divenisse illecito, che lo fosse nella circostanze particolari del mandato." (Pothier, Mandato, para. 231). "L`oggetto del mandato deve esser lecito. Quando il fatto e illecito, la legge non riconosce alcun effetto alla convenzione; e una obbligazione fondata su causa illecita, poiche la causa si confonde coll`oggetto dei contratti; e quando la causa e illecita, l`obbligazione e inesistente e non pro avere alcun effetto." (Laurent, Vol XXVII, para. 402). `Il mandato non puo avere per oggetto un fatto illecito" (Baudry, Del Mandato, Vol XXIV, para 444). `E d`uopo che la cosa che si assume l`incarico di fare sia lecita; giacche, se fosse contraria alla legge e al buon costume, l`accettazione di un tale incarico non sarebbe obbligatoria; e percio a chi l`avesse dato non competerebbe alcuna azione contro chi l`avesse accettato, per non essersi dal medesimo fatta la cosa di cui era stato incombenzato; e dal quale fosse di cio incaricato, sarebbe generalmente punibile se vi avesse adempito. Lo stesso mandante potrebbe in generale essere pur anche perseguitato e punito come complice del fatto … E mestieri che il mandatario possa fare la cosa di cui viene incaricato, cioe che non siavi in lui impedimento per natura o per legge a farla` (Duranton, Vol. XVIII, Del Mandato, para. 192-194). `Importa che l`affare affidato al mandatario debba essere lecito. Si e questa una bella massima di Ulpiano – rei turpis nullum mandatum est; et ideo hac actione non agetur (L. 6, para. 3. D. Mandati);*

*…*

*Illi fuq l-iskorta tal-principji zvolti, jidher car ghalhekk li, ladarba l-mandat fuq imsemmi kien illecitu, lill-attur ma tikkompleti ebda azzjoni ghar-restituzzjoni ta` flusu kontra l-konvenut. `In tutti questi casi il mandato non produce verun`azione, ne da parte del mandante, ne da parte del mandatario. Quegli non e ammesso a chiedere contro al mandatario; questo non e ammesso in giudizio a farsi indenizzare dal mandante. `Non habebis mandate actionem` (Ulpiano, L. 12, para. 11, D. Mandati). Imperciocche non potrebbe aprirsi il santuario della giustizia per coloro che si han messo la giustizia medesima sottoai piedi. L`uomo che ha fatto mandato contrario alla probita, all`onore ed alla pubblica onesta, e indegno di essere ascoltato dai magistrati, i quali debbono giudicare secondo la probita, l`onore u l`onesta pubblica." (Troplong, loc. cit., para 31)"*

*Taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-16 ta` Settembru 2004 fil-kawza "Joseph Farrugia vs Peter Paul Attard" fejn inghad hekk :–*

*"Premessi dawn il-fatti, huwa ovvju mill-kontenut tal-ewwel aggravju illi lappellant qed jittanta jehles mill-obbligu tieghu tal-hlas billi jgib b`argoment lillecejita` tal-kawza tal-kuntratt u li bis-sahha tieghu l-attur esegwixxa xxoghlijiet. In linea preliminai, hu dottrinalment accettat illi l-"causa" tal-obbligazzjoni hi l-iskop persegwit mill-kontraenti. Skond it-teorija oggettiva din il-`causa` hi identifikata mal- funzjoni ekonomika-socjali tan-negozju intervenut bejn il- kontraenti. Hi ghalhekk diretta li tiehu qies tal-interessi kollha konkreti li l-operazzjoni, obbjettivament, hi mahsuba li tirrealizza. Jinkombi ghalhekk fuq il-gudikant li jidentifika d-dixxiplina regolatrici tan-negozju u jipprocedi ghall-valutazzjoni `in concreto` tal-kawza, qua element essenzjali tan-negozju. Fi kliem iehor ghandu jiddetermina jekk il-`causa`, oggett tal-valutazzjoni, tikkonformax ruhha mal-ligi, inter alia, l-licejeta`taghha.*

*Posta din l-introduzzjoni, jista` jinghad bla ebda ezitazzjoni, illi din il-Qorti ma tara xejn illecitu fil- kontrattazzjoni `de quo`. Il-ftehim certament ma kienx mahsub biex tigi evasa xi taxxa dovuta tal-VAT. Anke jekk is-servizz prestat mill-attur appellat seta` kien soggett ghal din it-taxxa, l-ftehim milhuq ma jistax, bl-ebda sforz tal-immaginazzjoni, jigi kwalifikat bhala illecitu, kontra l- morali jew kontra l-ordni pubbliku, li jsemmi l-artikolu 990 tal-Kodici Civili. Ghad li mhux uzati f`kuntest identiku, biex jigu uzati l-kliem tas-sentenza fl-ismijiet "Josephine Grech et -vs- Ignatius Attard et noe", Appell, 30 ta` Gunju 2000, "l-fatt li l-iskrittura tax-xorta in ezami setghet tkun soggetta ghal xi forma ta` hlas ta` boll ... ... dan ma kienx jirrendi l-kuntratt null u bla effett fil-ligi u wisq anqas ma kien jista` jirrendih ftehim minghajr kawza jew b`kawza illecita jew immorali jew kontra l-ordni pubbliku".*

*Fih innifsu fin-negozju intervenut bejn il-kontendenti ma jidher li sar xejn bi skop li tigi aggirata l-ligi. Tutt`al piu` jista` jinghad li ma gietx ezatta l-V A T izda dan ma jaghmelx il-`causa` illegali. Jinsab deciz mill-Qorti Taljana tal-Kassazzjoni illi "le frodi fiscali non comporta la nullita` dei negozi con cui viene commessa (C 87/6970) trovando la sua sanzione soltanto nelle disposizioni fiscali " (C 99/12327).*

*Hemm imbaghad fuq dan il-punt riflessjoni ohra li trid issir u li dwarha l-attur appellat ikkummenta fit-tieni paragrafu tar-risposta tieghu ghall-aggravju hawn diskuss. Jekk il- konvenut kien jaf illi l-prezz kwotat lilu, u li hu accetta (ara affidavit tieghu a fol 29), ma kienx jinkludi l-VAT u kien jaf ukoll li l-attur appellat ma kienx registrat mal-V A T Department, mhux gust li `ex post facto` r-realizazzjoni tax-xoghlijiet jippretendi li ghandu jivvantaggja ruhu bit-turpitudini tieghu stess biex jirrezisti l-hlas minghandu reklamat. Kif rilevat, "id-disposizzjonijiet ta` l-artikoli 987 sa 991 tal-Kodici Civili ma humiex intizi biex jaghtu xi drittijiet lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b`causa illecita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu*

*biss intizi bhala deterrent kontra l- ezekuzzjoni ta` tali obbligazzjoni" – "Antonio Cassar noe -vs- Boris Arcidiacono", Appell, 5 ta` Ottubru 1998.*

*Kemm allura ghal dan l-ahhar motiv u wisq aktar ghall-fatt illi ma nstabx illi n-negozju guridiku kien jikkontjeni fil- `causa` tieghu ngredjenti ta` illecejita`,l-aggravju sottomess f`dan il-kuntest ma jistax jigi sostnut."*

*Determinata l-gurisprudenza, il-Qorti tosserva fiz-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti illi huma ma marrux dritti sabiex jeccepixxi illi l-flus kienu provenjenti minn negozju llecitu. Li kieku sar hekk, il-prova tal-illecitu kienet tinkombi lill-konvenuti. Minflok insistew fl-eccezzjoni li l-prova tal-legittimita` tal-flus trid issir mill-atturi, evidentement (ghalkemm ma qaluhiex) ghal ragunijiet ta` ordni pubbliku. Pero` ma waqfux hemm. Marru addirittura biex eccepixxu l-presunzjoni li fil-kaz li l-prova tar-regolarita` ma ssir mill-atturi, allura dak ifisser li l-causa hija llecita u fil-kaz tal-konvenut Muscat Azzopardi addirittura anke falza.*

*Hemm bosta x`jinghad fuq eccezzjoni mpostata b`dan il-mod. Pero` l-Qorti sejra toqghod fuq il-provi u taghmel l-apprezzament taghha bil-konfort tal-gurisprudenza appena citata.*

*Phillips jixhed illi l-flus gew mill-hlas ta` kummissjonijiet li rcieva minn negozju ma` kumpanniji fl-Italja. Dak li stqarr mhuwiex kontradett. Meta l-flus ta` Phillips kienu trasferiti minn Eaton Trust ghall-kont ta` MASA rrizulta li Phillips ma kienx edott b`dak it-trasferiment. Phillips ried icaqlaq il-flus li kienu amministrati minn Sarnia ghaliex l-investiment li kienet qeghda taghmel Sarnia ma baqax tajjeb. Talab parir minghand Warren, li kien accountant, kif ukoll habib tieghu, x`jaghmel bil-flus. Warren ikkonsiljah sabiex isir trasferiment tal-flus lejn Eaton Trust. Billi Phillips kien jafda lil Warren hekk ghamel. Il-flus kienu qeghdin jigu nvestiti. Meta aktar tard fiz-zmien Phillips sar jaf illi l-flus kienu dahlu fil-kont ta` MASA, kienu amministrata minn CMG International Limited u li l-persuna li kienet fil-kontroll tal-flus kien Spiteri huwa ghamel kuntatt mieghu.*

*Tajjeb jinghad illi meta l-flus waslu ghand il-konvenuti, hadd ma qieghed fid-dubju l-provenjenza legittima taghha. Jekk dehrilhom, il-konvenuti kien messhom talbu due diligence test qabel hadu l-flus f`idejhom. Meta saru hlasijiet lil Phillips, ma saret l-ebda talba ghal due diligence test. Hlief ghal meta saru xi hlasijiet, il-flus ta` Phillips baqghu taht il-kontroll tal-konvenuti. Ghalhekk ma jaghmel ebda sens illi meta saret it-talba biex jithallas il-bilanc, Spiteri in partikolari qala` kwistjoni wahda wara l-ohra biex ma jsirx il-hlas. Due diligence test f`dak l-istadju ma kienx jaghmel sens. L-assjem tal-provi iwassal lill-Qorti biex tikkonkludi li l-hlas ma sarx mhux ghal xi raguni valida izda biex ma jsirx. Inoltre jibqa` ghal kollox inattendibbli dak mistqarr minn Spiteri li hallas lil haddiehor imbaghad ma jghidx dak il-haddiehor minn kien. Spiteri ghazel li jibni l-verzjoni tieghu on quicksand.*

*Tajjeb jinghad ukoll illi ma rrizulta minn imkien ippruvat illi Phillips ta xi struzzjonijiet lil Spiteri sabiex jintilef l-audit trail tal-flus jew sabiex jahbi l-flus ghal ragunijiet fiskali. Il-fatt li Phillips ghazel li jircevix il-flus tal-kummissjonijiet fl-Ingilterra ma jaghmlux evazur fiskali. Mhuwiex dimostrat mill-konvenuti li Phillips ma hallas taxxa imkien jew li fil-gurisdizzjonijiet fejn kienu l-flus minn zmien ghal zmien ma hallasx taxxa fuqhom. Ir-regim fiskali ta` pajjizi ohra mhuwiex il-mertu tal-kawza u lanqas ghandu jkun mertu tal-eccezzjoni. Del resto rrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi Phillips ma kienx investigat ghal ebda reat mill-pulizija Inglizi ; lanqas l-interessi tieghu f`socjetajiet kummercjali ; u lanqas kif kien maghruf anke minnhom bhala Carlton Fiduciare – Client No 1. Ix-xiehda ta` Woods ma thallix l-icken dubju tant li ma sab l-ebda diffikulta` ta` xejn li l-flus johorgu mill-kontroll tal-konvenuti. Li kieku allegatament Phillips kien xi evasur tal-erarju Ingliz certament ma kienx ser jaghtu l-assens tieghu biex isir trasferiment. Anke hawn id-difiza tal-konvenuta li kienet xjentement intiza biex thammeg lil Phillips kienet mibni on quicksand.*

*Ghal din il-Qorti, abbazi tal-provi akkwisti fil-kumpless taghhom, ma jista` jkun hemm l-ebda fondament guridiku ghal eccezzjoni – direttamnent jew indirettament – relatata mal-principju ex turpi non oritur actio.*

*Il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Muscat Azzopardi u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut Spiteri.”*

29. Il-Qorti wara li qieset l-argumenti kollha tal-partijiet, fid-dawl ta’ dak kollu li hemm fl-atti proċesswali, kif ukoll fil-kuntest tal-kunsiderazzjonijiet li ngħataw fis-sentenza appellata, tqis li dan l-aggravju huwa tassew mistħoqq, u dan fuq is-saħħa ta’ bosta raġunijiet li ser ikunu qed jiġu mfissra fil-paragrafi li ġejjin;

30. Fl-ewwel lok, il-Qorti taqbel mal-appellant li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament żbaljat tal-fatti, u dan speċjalment sa fejn għandu x’jaqsam mal-kwistjoni tal-evażjoni fiskali. Filwaqt li huwa minnu li l-konvenuti ma ressqux provi li bihom irribattew is-sors oriġinali tal-flejjes, u sewwasew li

Phillips kien daħħal il-flejjes mertu tal-kawża bħala *"additional commission payments"* li rċieva fis-snin tmenin, u dan minn xi negozju li huwa kellu ma' xi kumpaniji Taljani bħal Fornara, Vir u Romagnoli,[22] madanakollu, mill-ġabra sħiħa tal-provi jirriżulta ppruvat, anke lil hinn mill-grad ta' bilanċ ta' probabilitajiet, li dawn il-flejjes tħallsu b'mod u b'għan speċifiku li Phillips jevadi l-ħlas tat-taxxi fuqhom;

31. Għalkemm din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li m'hemm xejn ħażin fil-fatt li Phillips għażel li ma jirċevix il-flus mill-kummissjonijiet ġewwa pajjiżu fl-Ingilterra, madanakollu, f'dan il-każ jirriżulta, li sa mill-bidu nett, Phillips ħoloq struttura biex ismu ma jidhirx li huwa konness ma' dawn il-flejjes. Kemm hu hekk, Lisa Ann Davey, impjegata bħala direttur mal-kumpanija *'Sarnia Management Corporation Limited'* ġewwa Guernsey, fiċ-'Channel Islands', stqarret li l-flejjes mill-kummissjonijiet inġabru billi ċertu Timothy Weatherall, li f'dak iż-żmien kien ukoll direttur tas-'*Sarnia'*, kien juża ismu stess biex jidħol f'kuntratti mal-kumpaniji Taljani, bil-għan li jirċievi l-kummissjonijiet f'kont tal-bank fl-Italja, u kull darba li l-bilanċ kien jaqbeż l-għaxart elef lira Taljana, huwa kien jibgħat dawk il-flejjes f'Guernsey, f'kont tas-*'Sarnia'*, li fih Phillips kien identifikat b'mod sigriet bħala 'P39'.[23] Isem Phillips ma kien għalhekk jidher imkien;

[22] Ara d-dikjarazzjoni maħlufa ta' Phillips, 'Dok TF44', f'paġna 97 tal-proċess.
[23] Ara l-affidavit ta' Lisa Ann Davey f'paġna 243 u 244 tal-proċess. Ara wkoll il-kontroeżami ta' Phillips, f'paġni 609 sa 611 tal-proċess.

32. Huwa wkoll ċar għal din il-Qorti, li r-raġuni proprja għalfejn Phillips ħareġ il-flus minn taħt il-kustodja tas-*'Sarnia'*, u bagħathom fl-Isvizzera taħt il-kontroll ta' '*Eaton Trust Limited'* (Neil Collier) ma kinitx għar-raġuni msemmija mill-Ewwel Qorti, u sewwasew *"għaliex l-investiment li kienet qiegħda tagħmel Sarnia ma baqax tajjeb",* iżda kien il-frott tal-isforz qawwi ta' Phillips biex ismu ma jkunx assoċjat bl-ebda mod ma' dawk il-flejjes. Kemm hu hekk, Phillips stess stqarr li *"I had used some funds from Sarnia in a property transaction in the U.K. A third party acquaintance of mine who benefitted when the property was sold got to know the identity and address of Sarnia and* ***I felt that confidentiality had been compromised and if this third party wished to do so they might create a difficulty or embarrassment for me****. I felt it would be prudent to move my investments from Guernsey but still offshore to other managers".*[24] Li kieku Phillips ma kellux il-faħam miblul, dan ma kienx ser ikun inkwetat bil-mod kif mistqarr;

33. Filwaqt li dan kollu diġà jitfa' dell ikrah fuq il-leġittimità tal-flejjes, il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti ma kellu jifdlilha l-ebda dubju dwar il-fatt li l-flejjes li dwarhom hija din il-kawża huma frott l-evażjoni fiskali, hekk kif fil-kontroeżami tal-11 ta' Marzu, 2005, Phillips stess ammetta li ***"there's no tax paid on the money"*** u li kien qiegħed '**jevadi'** (u mhux 'jevita') it-

[24] Estratt meħud mill-affidavit ta' Phillips, 'Dok. A', f'paġna 31 tal-proċess.

taxxa. [25] Intqal kemm-il darba mill-Qrati, li l-ammissjoni hija r-*'regina probationum'*, u fil-kuntest tal-istqarrija ċara ta' Phillips, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt raġonevolment tikkonkludi li ma nġabitx prova mill-konvenuti *"li Phillips ma ħallas taxxa mkien"* dwar dawk l-istess flejjes. Fis-sewwa, il-Qorti jidhrilha li wara stqarrija inekwivoka bħal dik ta' Phillips, il-preżunzjoni kellha tkun li t-taxxa ma tħallsitx u mhux bil-kontra. (ara f'dan is-sens, *'**Brian Cutajar et v. Joseph Mamo et.'*** deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Mejju, 2017);

34. F'kuntest bħal dan, il-Qorti tqis ukoll li x-xhieda ta' Woods lanqas ma setgħet twassal lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni li waslet għaliha. Kif qed jgħid sewwa l-appellant, il-fatt waħdieni li Woods xehed li Phillips ma kienx investigat mill-Pulizija Ingliża dwar xi reat, hija mmaterjali, meta jiġi kkunsidrat li Phillips stess ammetta li kien qiegħed jevadi t-taxxa. Il-Qorti tqis ukoll li bil-kuntrarju ta' dak li osservat l-Ewwel Qorti, bħala stat ta' fatt, ma jirriżulta minn imkien li Woods jew l-awtoritajiet Ingliżi taw xi "*assens*" biex isir it-trasferiment tal-flejjes minn Spiteri għal Phillips. Dak li qal Woods kien sempliċiment li l-Pulizija Ingliża ma kellhiex is-setgħa li żżomm lil xi avukat f'Malta milli jrodd lura l-flejjes lill-benefiċjarju aħħari tagħhom, u li kwalunkwe *'due diligence'* kellha ssir minn dak l-avukat

[25] Fil-kontroeżami li sarlu waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu, 2005, f'paġna 632 tal-proċess, Phillips stqarr li *"**Yes it was a matter of tax, yes, there's no tax paid on the money**".* Għall-mistoqsija: *"Were you trying to **evade** tax?,* Phillips imbagħad wieġeb: *"**Yes**".*

stess.[26] Fuq kollox, irriżulta wkoll li Woods lanqas biss ma kien jaf jew ingħatatlu xi informazzjoni li Phillips huwa l-benefiċjarju aħħari tal-kont bl-isem '*Carlton Fiduciare No.1'*;[27]

35. Filwaqt li dawn l-osservazzjonijiet għandhom ikunu biżżejjed biex juru li l-appellant għandu raġun meta qed jgħid li l-Ewwel Qorti kellha biżżejjed provi quddiemha biex tasal għall-konklużjoni li l-flejjes mertu ta' din il-kawża huma mtappna bl-illeċita, għaliex huma l-frott tal-evażjoni fiskali, fih innifsu dan il-fatt, m'huwiex però biżżejjed biex din il-Qorti tikkonkludi li l-kawża tal-obbligazzjoni mertu ta' din it-tilwima hija milquta minn kawża illeċita. Sabiex il-Qorti tkun tista' tqis jekk l-ewwel aggravju huwiex ġustifikat jew le, il-Qorti trid bilfors tistħarreġ x'kienet sewwasew il-'kawża' (fis-sens ta' '*causa'*) tal-obbligazzjoni li wasslet għal din it-tilwima;

36. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mal-atturi appellati meta qed jgħidu li l-'kawża' tal-obbligazzjoni hija *"l-iskop persegwit mill-partijiet in kwantu*

[26] Fl-affidavit f'paġna 454 tal-proċess, Woods kiteb li: *"I have never asked Dr. Spiteri to restrain the monies he holds and I never actively sought the identity of his clients nor the beneficial owner of the monies. It is incomprehensible that I or the NCS should ask a Maltese lawyer to restrain any funds where the identity of the owner is not known to the NCS"*. Ara wkoll il-kontro-eżami ta' Woods, f'paġna 650 tal-proċess.

[27] Fil-kontroeżami tal-11 ta' Marzu, 2005, f'paġna 644 tal-proċess, Woods stqarr li *"As I recall I was never given the client's name"... "And I never requested the client's name"*. Fil-fax datata 14 ta' Marzu 2001, f'paġna 468 tal-proċess jidher li Woods kien ukoll kiteb lil Dr. Spiteri li: *"We do not know the identity of the beneficial owner of the funds held in the Client No. 1 account; indeed we have never sought it"*. Ara wkoll l-affidavit ta' Woods, f'paġni 452 u 453 tal-proċess.

*kontraenti fl-istess obbligazzjoni”.*[28] Għall-għanijiet tal-Artikolu 987 tal-Kodiċi Ċivili, il-“kawża” tal-obbligazzjoni hija tabilħaqq meqjusa bħala l-*‘**cur se obligavit’*** jew fi kliem ieħor: *“**l-iskop li n-negozju jimmira li jilħaq**”.* (Ara *‘**Peter Cassar Torregiani noe. et. v. Onorevoli Dominic Mintoff noe et.**’,* deċiża minn din il-Qorti fil-14 ta’ Ottubru, 2014, u ‘***Albert Mizzi v Silvio Debono et.***’ deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-11 ta’ Jannar, 2006);

37. Mill-ġabra sħiħa tal-provi, il-Qorti hija konvinta li f’dan il-każ, l-iskop prinċipali wara l-obbligazzjoni li wasslet għal din it-tilwima, ma kienx daqshekk sempliċi bħalma qed jippruvaw ifissruh l-atturi appellati jew inkella bħalma qieset l-Ewwel Qorti, u sewwasew għall-għanijiet tal-investiment tal-flus ta’ Phillips, iżda **għall-ħabi u l-ħasil ta’ flus li kienu ġejjin minn evażjoni fiskali**. Jekk kien hemm xi element ta’ investiment, dan kien fi żgur anċillari u mhux l-għan prinċipali tan-negozju;

38. Tabilħaqq, mill-provi jidher li, b’kuntrast għal dak li osservat l-Ewwel Qorti, il-flus ta’ Phillips, ma ġewx *“trasferiti minn Eaton Trust għall-kont ta’ MASA”,*[29] iżda waslu minn kont bankarju miżmum f’‘*Hambros Bank (Guernsey)’* f’isem *‘Carlton Fiduciare SA – client account’.*[30] Din il-

[28] Ara paragrafu 16 tat-tweġiba għall-appell f’paġna 1227 tal-proċess.
[29] Estratt meħud minn paġna 56 tas-sentenza appellata.
[30] Ara ‘Dok TF9A’ f’paġni 73 sa 76 tal-atti bin-numru 746/01GC. Ara wkoll: *‘Second Sworn Statement of Neal John Collier’* f’paġna 430 tal-atti ta’ din il-kawża, kif ukoll l-istruzzjonijiet tal-istess Collier lil ‘*Hambros Bank’* f’ittra datata 7 ta’ April 1998, u ffirmata mill-istess Collier għan-nom ta’ ‘*Euro Managmeent (Suisse) SA’* f’paġna 439 tal-atti ta’ din il-kawża.

kumpanija tal-aħħar ma kinitx xi kwalunkwe kumpanija, iżda waħda li kien involut fiha b'mod dirett Paul Warren:[31] il-kontabbli qrib ta' Phillips,[32] li eventwalment spiċċa l-ħabs fl-Ingilterra wara li ammetta akkużi ta' ħasil ta' flus.[33] Mill-provi jidher ukoll li l-flejjes tal-attur għaddew fil-kont tal-MASA bħala parti integrali minn eżerċizzju li matulu, Paul Warren, għadda l-amministrazzjoni ta' '*Carlton Fiduciare SA'* f'idejn Dr. Spiteri, u dan bi struzzjonijiet ċari sabiex jillikwida l-flejjes li kien hemm fil-kontijiet ta' dik il-kumpanija u jiżgura li jaħbi l-provenjenza ta' dawk l-istess flejjes.[34] Kemm hu hekk, minn 'Dok TF14',[35] jidher li b'*e-mail* datat 19 ta' Jannar, 2000, Dr. Spiteri kien kiteb lil Warren li: *"**Your instructions in 1998/1999 were very clear in relation to the taking over of Carlton Fiduciare – make sure that no one can trace the assets. So I had to use licensed fiduciaries in order to kill the trail.** I am presently abroad and will be happy to send you a draft on my return on Monday/Tuesday..".* Minn kopja tal-korrispondenza li ntbagħtet minn Warren bi twegiba għal dik l-*e-mail,* (Dok TF15),[36] jidher imbagħad li Warren ma rribatta xejn minn dak li qallu Spiteri, u minflok kitiblu lura biss "*Enjoy the trip – hope all is well with EPA – let me know. Please send me the docs when you*

[31] Ara 'Dok TF79' f'paġna 173 tal-proċess, u l-kontroeżami ta' Andrew Cefai, f'paġna 664 tal-proċess.
[32] Fl-affidavit tiegħu, 'Dok A', Phillips stqarr li: *"Paul Warren has been known to me professionally and as a friend over the last 20 years or so and I relied upon his advice and views in most matters",* (f'paġna 31 tal-proċess).
[33] Fil-kontroeżami tal-11 ta' Marzu, 2005, Martin Woods fisser li *"The Police prosecuted Paul Warren who subsequently pleaded guillty to an offence of money laundering".* (f'paġna 641 tal-proċess).
[34] Ara x-xhieda ta' Dr. Patrick Spiteri, mogħtija fl-4 ta' Ġunju, 2001, fl-atti tal-mandat bin-numru 746/2001, f'paġni 135, 170 u 171.
[35] F'paġna 58 tal-proċess.
[36] F'paġna 59 tal-proċess.

*can*". Fil-fehma tal-Qorti, li kieku dak li qal Spiteri ma kienx minnu, il-probabbilità kienet tkun li Warren ma kienx sejjer jirrispondi lura lil Spiteri b'dak il-mod;

39. Ta' min jgħid ukoll, li għalkemm anke sa minn qabel ma nbdew dawn il-proċeduri,[37] kif ukoll matul dawn il-proċeduri,[38] u dawk dwar ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 746/2001,[39] Dr. Spiteri tenna kemm il-darba li huwa kien ingħata inkarigu speċifiku minn Paul Warren, sabiex jillikwida l-flejjes ta' *'Carlton Fiudiciare SA'* u *"jitlef l-audit trail"* tagħhom, l-atturi appellati, għar-raġunijiet li jafu huma, naqsu milli jtellgħu lil Paul Warren bħala xhud sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu fuq dak li xehed Spiteri. L-atturi *nomine* lanqas ma ressqu xi affidavit tal-istess Warren, u dan minkejja li għamlu hekk għal ħafna xhieda oħra, u kienu għadhom f'kuntatt ma' Warren minn tal-inqas sal-ewwel ftit tax-xhur li fihom tressqet il-kawża.[40] Fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, u fl-isfond ta' dak li jidher b'mod oġġettiv mill-korrispondenza ta' bejn Spiteri u Warren, li skambjaw bejniethom xhur qabel ma nbdiet din il-kawża,[41] din il-Qorti tqis li f'dan il-każ, l-iskop li għalih il-flejjes ta' Phillips għaddew fil-kontroll ta' Dr. Spiteri u l-kont tal-MASA kien tassew għall-ħabi tal-provenjenza u l-eventwali

[37] Ara 'Dok TF79', f'paġna 173 tal-proċess u l-kontroeżami ta' Dr. Godwin Muscat Azzopardi, f'paġna 958 tal-proċess.
[38] Ara l-kontroeżami ta' Dr. Patrick Spiteri, li sarlu mill-atturi appellati waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2017, f'paġna 895.
[39] Ara x-xhieda ta' Patrick Spiteri mogħtija fil-4 ta' Ġunju, 2001, fil-proċeduri bin-numru 746/2001, f'paġni 135, u 151 ta' dak il-proċess.
[40] Ara 'Dok TF103' li huwa kopja ta' *fax* mibgħuta minn Warren lill-avukati ta' Phillips ġewwa Malta, fl-4 ta' Ġunju, 2001, f'paġna 317 tal-proċess.
[41] Ara l-paragrafu ta' qabel dan.

ħasil ta' dawk il-flejjes, li kif diġà rajna huma l-frott tal-evażjoni fiskali. Hekk ukoll, il-Qorti jidhrilha li Dr. Spiteri kien ukoll mgħarraf li l-flejjes li kienu ġejjin minn '*Carlton Fiduciare SA'*, oriġinaw minn evażjoni fiskali; [42]

40. Għalkemm li sakemm daħal fis-seħħ l-Avviż Legali bin-numru 176 tas-sena 2005, l-att tal-ħabi tal-provenjenza ta' flejjes li joriġinaw minn evażjoni fiskali, ma kienx jagħti lok għar-reat tal-ħasil ta' flus,[43] din il-Qorti tqis li t-tali att xorta waħda jaqa' fil-parametri tal-kawża illeċita, hekk kif imfissra fl-Artikolu 990 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

41. Bħal fil-każ tal-Kodiċi Ċivili Franċiż u dak Taljan, il-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti definizzjoni ġenerika u wiesa' ta' kawża lleċita.[44] Kemm hu hekk, fl-Artikolu 990 tal-Kap. 16, il-leġislatur ma llimitax l-illeċitu tal-kawża tal-obbligazzjoni ma' dawk il-każijiet li huma projbiti b'xi dispożizzjoni espressa tal-liġi, iżda mar lil hemm u nkluda kemm dawk il-każijiet li jmorru kontra l-"*għemil xieraq*" kif ukoll dawk li jmorru kontra l-"*ordni pubbliku*". Filwaqt li l-Qrati jistgħu jaraw x'inhu projbit mil-liġi minn

[42] F''Dok TF79', f'paġna 173 tal-proċess, Dr. Fenech jikkwota lil Dr. Spiteri jgħid li Creggy u Warren introduċewlu l-kumpanija *'Carlton Fiduciare'* bħala *"it was all tax evasion money which they didn't want to be seen as running"*. Ara wkoll it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-avukat difensur ta' Dr. Spiteri, li saret quddiem l-Ewwel Qorti waqt is-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2012, f'paġna 1097 tal-proċess.

[43] Qabel id-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 176 tal-2005, il-flejjes riedu jkunu ġejjin minn xi waħda mill-"*attivitajiet kriminali*" mniżżla fl-Artikolu 2 tal-Kap 373 u t-Tieni Skeda, relatata ma' dak l-artikolu. Ir-reat tal-evażjoni fiskali ma kienx wieħed mir-reati mniżżla fit-Tieni Skeda. Mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 176 tal-2005 'il quddiem, it-Tieni Skeda ġiet emendata b'tali mod li "*kull reat kriminali*", *"magħmul taħt il-liġi ta' Malta jew liġi oħra"* jikkostitwixxi bħala *"attivita kriminali"* għall-għanijiet tal-Kap. 373.

[44] Ara t-teżi ta' Dr. Anthony Rutter Giappone, *"The Notion of 'Causa' in the Law of Obligations",* sottomess bħala parti mill-kors tad-Dottorat fil-Liġi fl-Università ta' Malta, 1977, f'paġna 122.

sempliċi ħarsa lejn il-liġi stess, il-liġi però ma tagħti l-ebda definizzjoni dwar dak li għandu jitqies li huwa kuntrarju *"għall-għemil xieraq"* jew *"għall-interess pubbliku".* L-istħarriġ dwar jekk il-kawża ta' obbligazzjoni hijiex kuntrarja għal dawn it-tnejn tal-aħħar hija għalhekk *"kwistjoni unikament ta' fatt illi għandha tkun eżaminata minn għand il-ġudikant f'kull każ speċifiku skont iċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ, għaliex f'materja hekk delikata dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu ikollhom importanza deċisiva fil-kwistjoni"*; (estratt meħud mis-sentenza fil-kawża ***Rosario Borg v. Carmela Protelli****,* Kollez**.** Vol XXIX.III.152). Huwa wkoll mifhum li l-għan wara l-Artikoli 987 u 990 huwa sewwasew biex iservu bħala deterrent kontra l-kontrattazzjoni ta' obbligazzjonijiet fuq kawża lleċita; (Ara fost ħafna sentenzi oħra, is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta': *'**Saċerdot Dun Vincenzo Borg v. Giuseppe Caruana et.'**,* deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1950, Kollez. Vol. XXIX.II.632);

42. Bla dubju ta' xejn, l-obbligazzjoni li wasslet għal din it-tilwima kellha l-għan li tkompli tgħin lil Phillips biex, minflok ma jdaħħal il-flus maħmuġin tiegħu ġewwa l-Ingilterra mill-bieb, idaħħalhom mit-tieqa, u b'hekk ikompli kemm jista' jkun jevadi l-ħlas tat-taxxi fuq dawk il-flejjes. Kemm hu hekk, fi żmien qasir sakemm beda jberraq u nqala' l-inkwiet ta' bejnu u Dr. Spiteri, Phillips irnexxielu jdaħħal baxx baxx kważi mitt elf lira sterlina minnhom. Fil-fatt, Phillips stess stqarr li huwa kien talab lil Warren biex jitlob lil Spiteri jibgħatlu tliet pagamenti, ta' għaxart elef kull wieħed lill-

avukat tiegħu John Smith ġewwa l-Ingilterra.[45] Dan tal-aħħar imbagħad stqarr li dawn it-tletin elf lira li rċieva mill-kont tal-MASA ma kinux għalih, u kien għadda l-flejjes lil Phillips.[46] Jirriżulta wkoll li ngħataw struzzjonijiet simili, biex tintbagħat is-somma ta' madwar sitta u sittin elf lira sterlina f'kont ta' avukat ġewwa l-Isvizzera,[47] u dan għall-benefiċċju ta' '*Muron Ltd'*, kumpanija reġistrata ġewwa l-Liberja, u li Phillips stess kien il-benefiċjarju aħħari tagħha;[48]

43. Fl-isfond ta' dan kollu, il-Qorti tqis li fis-sewwa l-għan wara n-negozju li wassal għal din it-tilwima huwa kuntrarju għall-għemil xieraq u l-ordni pubbliku. Il-ftehim mertu tal-kawża kien ħolqa minn katina twila ta' transazzjonijiet li saru bil-għan ċar li jkomplu jgħinu lil Phillips fl-isforzi tiegħu li jevadi l-ħlas tat-taxxa fl-Ingilterra, u jaħbi l-provenjenza vera ta' dawk il-flejjes. Imbilli l-evażjoni fiskali ma saritx għad-dannu tal-fisku Malti, iżda, għad-dannu tal-fisku Ingliż, ma jnaqqas xejn mill-gravità tal-illeċitu tal-obbligazzjoni li wasslet għal din it-tilwima. Issir fejn issir, l-evażjoni fiskali hija dejjem inaċċettabli, bi ħsara għall-interess ġenerali u għalhekk kontra l-ordni pubbliku u l-għemil xieraq. Aktar u aktar huwa kontra l-ordni pubbliku u kull għemil xieraq, il-ħasil ta' flus li huma ġejjin minn evażjoni fiskali, u dan speċjalment meta dan isir minn professjonisti

[45] Ara l-affidavit ta' Phillips, 'Dok A', f'paġni 32 u 33 tal-proċess.
[46] Fil-kontroeżami tal-11 ta' Marzu, 2005, l-avukat John Smith xehed li t-tlett pagamenti li rċieva mill-kont tal-MASA, *"were paid to Mr. Phillips",* (f'paġna 659 tal-proċess).
[47] Ara: (i) paragrafu 12 tad-dikjarazzjoni ġuramentata tal-atturi nomine, f'paġna 4 tal-proċess; (ii) 'Dok TF10' f'paġna 52 tal-proċess; u l-affidavit ta' Phillips, 'Dok A', f'paġna 32 tal-proċess.
[48] Ara paragrafu 5 tal-affidavit tal-avukat Nathalie Hubert, 'Dok NH1', f'paġna 327 tal-proċess.

bħal avukati, li s-soċjetà in ġenerali, ġustament, tistenna mġieba ħafna aħjar minnhom. Għalkemm veru li mhuwiex xogħol dawn il-Qrati li jagħmlu dak li jagħmlu l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, tibqa' xorta waħda r-responsabbiltà ta' dawn il-Qrati li jassiguraw li kull min, intenzjonalment, jevadi t-taxxa u jirrikorri għal strutturi finanzjarji bil-għan li jipprova jagħti bixra aktar legali lil flusu, m'għandux ikollu s-serħan tal-moħħ li meta jfiġġ il-maltemp, ser isib l-għajnuna tal-Qrati u tal-Liġi. Il-biża' li wieħed jibqa' mingħajr il-ħarsien tal-liġi għandha tgħin biex disswadi lin-nies in ġenerali li jwettqu negozju bil-ħsieb li jevadu t-taxxa, u għalhekk m'għandhiex tkun il-liġi stess jew inkella din il-Qorti, li b'sens ta' ħniena tneħħi dan id-disinċentiv. (Ara b'eżempju ***George Seychell v. Spring Valley Co. Limited***, deċiża minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 2018, u l-ġurisprudenza hemmhekk imsemmija). L-istess ħsieb ġie wkoll imtenni mill-Qrati Ingliżi fil-każ ta' **'*Al-Dowaisan & Anor v. Al-Salam & Ors'*, [2019] EWHC 301 (Ch),** u li f'ċirkostanzi simili ngħad li: *"For the court to deny Imad's counterclaim, and to allow Dr. Al-Dowaisan to treat the £400,000 as his own, will serve to discourage third parties, as well as Imad, from taking steps to facilitate tax evasion in the future, and will thereby assist the underlying purpose of ensuring that HMRC receives the tax which is its due"*;

44. Filwaqt li dan għandu jkun biżżejjed biex il-Qorti ddawwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti u tiċħad it-talbiet tal-atturi appellati, sabiex ikun

ingħad kollox, il-Qorti tqis li l-atturi appellati m'għandhomx raġun meta qed jissottomettu li min hu kompartecipi fl-illegalità ma jistax iqajjem id-difiża tal-kawża lleċita. L-Artikolu 991(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar, u ġaladarba li f'dan il-każ il-kawża hija lleċita għaż-żewġ partjiet, l-ebda waħda mill-partijiet ma' tista' titlob lura dak li tkun tat lill-oħra. Hekk ukoll, il-Qorti tqis li ma jista' jkun tal-ebda fejda għall-atturi appellati, l-argument li Phillips ma ta l-ebda struzzjonijiet diretti lil Dr. Spiteri, u li kull struzzjoni ngħatat minn Paul Warren. Anke li kieku stess Warren ma kienx awtorizzat minn Phillips biex joħloq ir-relazzjoni kontrattwali li wasslet għal din it-tilwima, jibqa' xorta waħda l-fatt li bil-mod ta' kif mexa, Phillips irratifika dak li għamel Warren f'ismu, u għalhekk, dik l-obbligazzjoni hija f'għajnejn il-liġi meqjusa daqslikieku ġiet ikkuntratta minn Phillips stess.[49] L-obbligazzjoni li kkuntratta Warren hija l-istess waħda li dwarha Phillips ressaq din il-kawża, u ġaladarba li din il-Qorti qieset li dik l-obbligazzjoni hija mtappna b'kawża illeċita, it-tali obbligazzjoni hija f'għajnejn il-liġi, mingħajr effett.[50] L-ewwel aggravju huwa għalhekk mistħoqq u f'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti ma jifdlilha l-ebda ħtieġa li tqis il-bqija tal-aggravji;

---

[49] Ara l-Artikolu 1880(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[50] Ara l-Artikolu 987 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

***Decide***

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa'** l-appell, u **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 2016, billi:

(i) tikkonfermaha biss sa fejn laqgħet il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta Mary Ann *sive* Marian Muscat Azzopardi u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Sylvana Spiteri, kif ukoll fejn ċaħdet it-tieni, ir-raba', is-sitt u s-seba' talbiet tal-atturi *nomine*;

(ii) tħassarha għal kollox fil-bqija, u filwaqt li tilqa' parzjalment it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut appellant Dr. Godwin Muscat Azzopardi billi tiddikjara li l-obbligazzjoni mertu ta' din il-kawża hija mingħajr effett, għaliex imsejsa fuq kawża illeċita, tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi *nomine*;

L-ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-appell għandhom jagħmlu tajjeb għalihom l-atturi *nomine*, filwaqt li l-ispejjeż kollha tal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jagħmlu tajjeb għalihom, l-atturi appellati u Dr. Patrick Spiteri f'sehem indaqs bejniethom.

Il-Qorti tagħlaq billi tordna lir-Reġistratur sabiex ineħħi mill-atti, l-att ta' Dr. Spiteri tat-8 ta' Novembru, 2021,[51] u dan għar-raġunijiet imsemmija f'paragrafu 18 ta' din is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[51] F'paġni 1274A sa 1286 tal-proċess.